# Żwieten li għandna nibqgħu niftakru

*Matul din l-aħħar sena iż-Żejtun tilef uħud minn uliedu illi kull wieħed minnhom ħalla isem kemm għalih innifsu kif ukoll għal raħal twelidna. Is-Soċjetà tagħna tħossha fid-dmir illi permezz ta' din il-pubblikazzjoni tfakkarhom kif inhu xieraq.*

**Il-Kanonku Dun Ġwann Palmier:** (ex-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà).



Nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru, 1993, is-Soċjetà tagħna tilfet lid-direttur spirtwali tagħha il-Kan. Ġ. Palmier li miet fl-eta' ta' 84 sena. Huwa miet propju fix-xahar ta' Novembru, f'liema xahar niċċelebraw il-festa liturġika ta' Santa Katarina V. M. li tagħha Dun Ġwann kien devotissimu.

Dun Ġwann twieled iż-Żejtun fil-21 ta' Ġunju, 1909. Ta' 8 snin irċieva s-sagrament tal-griżma minn idejn l-Isqof Dom Mawro Caruana. Huwa studja fl-iskola Umberto I fil-belt Valetta, imbagħad għand is-Salesjani u wara fis-Seminarju l-Kbir Għawdex. Huwa ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Lulju 1937 u xahar wara qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu ġewwa l-maqdes ta' Santa Katarina f'raħal twelidu. Meta miet Dun Spir Grixti, Dun Ġwann flimkien ma' Dun Mikiel Spiteri saru prokuraturi tal-Knisja. Aktar tard insibu lil istess Dun Ġwann waħdu bħala prokuratur. Tul bosta snin huwa ħa ħsieb ta' bosta dekorazzjonijiet li saru fil-knisja parrokkjali, fosthom il-gandlieri ta' l-artal maġġur. F'dawn l-aħħar snin huwa ħallielna wkoll tifkiriet mill-Isbaħ ma' l-istatwa titulari ta' Santa Katarina fil-palma u ċ-ċinturin tad-deheb.

Fl-1948 Dun Ġwann laħaq direttur spirtwali tas-Soċjetà tagħna minflok il-Mons. Salv. Grima, għad li l-konnessjoni ta' Dun Ġwann mas-Soċjetà bdew ferm qabel. Huwa kien jieħu interess f'dak kollu li kien isir fis-Soċjetà u baqa' jattendi l-każin sa ftit xhur qabel ma miet, speċjalment lejliet il-festa u għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Għal 14-il sena sħaħ kien inkarigat mill-knisja ta' San Girgor u fl-1967 huwa sar Kanonku Prepostu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu tal-belt Valetta. Huwa kien attiv ukoll fil-qasam pastorali u kien ukoll assistent ekkleżjastiku tal-fergħa tax-xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika taż-Żejtun.

**Mro. Espedito Deguara A. Mus. L.C.M.**



Mro. Espedito Deguara twieled iż-Żejtun nhar il-25 ta' Lulju, 1904. Huwa ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja taż-Żejtun u wara dik Sekondarja għand il-Freres f'Bormla. Fl-1919 beda kors ta' apprendistat fid-Dockyard fejn fl-1929 impjega ruħu bħala engine fitter mas-Servizzi Ngliżi fejn baqa' sa ma rtira fl-1964.

Il-karriera mużikali tiegħu bdieha fleta' ta' 15-il sena meta beda jitgħallem il-klarinett taħt missieru Salvu. Aktar tard tgħallem ukoll il-kurunetta filwaqt li kompla javanza fit-tagħlim mużikali taħt Mro. Ġużè' Cassar, li kien Direttur ta' l-Orkestra Santa Katarina. Meta fl-1933 miet Mro. Cassar, Mro. Deguara inħatar Surmast Direttur ta' l-orkestra Santa Katarina fejn dam jokkupa din il-kariga għal 15-il sena sħaħ. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-orkestra Santa Katarina kienet tesegwixxi programmi operistiċi u sinfoniċi fil-pjazez kif ukoll servizzi reliġjużi fil-knejjes ta' bosta rħula ta' Malta.

Mro. Deguara huwa magħruf ukoll għal kompożizzjoni tiegħu. Wara illi tgħallem il-pjanu għand il-magħruf Mro. Carmelo Pace, intefa għal kompożizzjoni. Fost l-ewwel xogħlijiet tiegħu insibu 'Tantum Ergo', 'Salve Regina', 'Te Deum', 'Miserere', diversi għosrien, antifoni u anke quddiesa solenni. Minbarra l-għadd kbir ta' marċi brijużi insibu marċi sinfoniċi, notturni, u preludji fosthom 'Ring bells Ring', Gavotte, Intermezzo, Terzetto e Coro u s-Sinfonija 'Destiny'.

Mro. Deguara rabat ismu wkoll mal-banda Santa Katarina taż-Żurrieq. Fl-1944 huwa ġie maħtur Surmast direttur ta' l-orkestra Santa Katarina taż-Żurrieq. Ix-xewqa taż-Żrieraq iżda kienet illi jkollhom banda u Mro. Deguara qatgħalhom xewqithom meta fis-17 ta' Novembru, 1946 il-banda 'Santa Katarina' iddebuttat taħt id-direzzjoni tiegħu. Huwa dam 40 sena sħaħ jidderieġi din il-banda sakemm fil-11 ta' Lulju 1986 huwa rtira minħabba saħħtu. Mro. Espedito Deguara miet fid-dar tiegħu f'Ħal Luqa fis-7 ta' Jannar 1994 fl-età ta' 89 sena. Huwa ġie midfun l-għada, fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku ġewwa raħal twelidu, iż-Żejtun.

